# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Clint Dalton**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Clint Dalton**, numru tal-Karta tal-identita' 416489M fejn ġie mixli talli

"1. Nhar 1-20 ta' Ottubru 2014, ghall- habta tas- siegha ta' wara nofs inhar, min gewwa triq in- Nahal il-Mellieha; Ikkommetta serq ta flus kontanti gewwa 98A, Triq in- Nahal, Mellieha ghad- detriment ta -David Bonanno u/jew persuna/i ohra, bil- mezz u bil- lok skont Art 263, 266(1), 269(g) tal- Kap. 9 tal-Ligiiet ta' Malta.
2. Talli nhar 1-20 ta Ottubru tal-2014 ghall- habta tad- 13:20hrs, bil-hsieb li jikkommetti serq minn gewwa residenza fi Triq il- Migba Mellieha ghad-dannu ta' Nadia Caruana, jew persunali ohra, acceda gewwa l-

istess fond min gewwa tieqa li tghati ghal- go xaft; liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien isir bil- mezz u bil- lok skont Art 41(a), 263, 266(1), 269(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli nhar 30 ta Lulju 2014 ghall- habta tas- 19:15hrs fi Triq is- Sajf San Pawl il- Bahar, ikkommetta serq minn gewwa vettura sitwata go garaxx fl-istess Triq ghad- detriment ta -Mario Salerno u jew persuna/i ohra liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa bi ksur tal- Art. 267 u 271(g) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl'istess cirkustanzi ghamel delitt waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza moghti lilu mill-Qorti tal- Magistrati Malta, Magt. Dr. N. Camilleri LLD nhar it-22 ta' Ottubru 2012, konfermata mill- Qorti tal- Appell nhar 31 ta 0ttubru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra, mnaqqsa jew mibdula.

**5.** Talli fl-istess dati hinijiet u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill- qrati tal- Magistrati ta' Malta u cioe digriet ta' helsien mill- arrest mghoti nhar 6 ta Novembru 2013 mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD kif ukoll digriet iehor ta' helsien mill- arrest mghoti mill- Magistrat Dr. 1.Demicoli LLD nhar 11 ta' Settembru 2014.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma **Clint Dalton** bhala **recidiv** ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saru defenittivi

u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Novembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 9 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Alessandro Lia tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

*__Ikkunsidrat : -__*

1. **__L-ewwel imputazzjoni__**

Ħadd mid-derubati ma setgħa jidentifika lill-imputat bħala l-persuna li wetqet din is-serqa.

David Bonanno li xehed a fol 36 et ma kienx preżenti fuq il-post meta seħħet l-allegata serqa.

Nerida Gail Bonanno xehdet (a fol 41) li kienet preżenti fid-dar tagħha, 98A, Triq in-Nahal, il-Mellieħa minn fejn allegatament seħħet is-serqa filwaqt li kien hemm il-malvivent f'darha. Hija tgħid li waqt li kienet fuq telefonata ma ħabibitha semgħet il-bieb ta barra qed jipprova jinfetah biċ-ċavetta li dak il-ħin kien imsakkar minn ġewwa. Hi ħasbet li ġie żewġha qabel il-ħin u marret biex tiftaħhulu għax kien imsakkar minn ġewwa għax kienet taf li diffiċli li wieħed jiftaħ il-bieb minn barra meta jkun hemm iċ-ċwievet imdaħlin fis-serratura minn naħa ta' ġewwa. Biss sakemm waslet biex iddur għal fejn kien hemm il-bieb, semgħetu jinfetah u jingħalaq. Hija tgħid li semgħet il-passi fit-taraġ – li huma t-turġien li jwasluk għall-bieb ta' barra tad-dar tagħhom li tinsab fl-ewwel sular tal-blokka.

Hija tenniet li kif tiftaħ il-bieb, kien hemm tieqa li tinfetah b'mod li tiżżerżaq. Sabitha miftuha bil-kontra u qatt ma tħalliha hekk.

Hemmhekk bdiet taħseb ħażin u li kien ġara xi ħaġa ħażina. Għalhekk marret fil-kamra tas-sodda u hemmhekk sabet li t-tieqa f'dik il-kamra kienet ukoll miftuha. Din kienet tagħti għal bitħa li kienet tinsab madwar żewġ sulari u nofs l-isfel u kienet tiġi 90 grad mat-tieqa l-oħra li rat ukoll miftuħa mhux bħal ma tħalliha solitament. Rat li kien hemm *footprint* mal-ħoġor tat-tieqa u *fingerprints* mat-tieqa. F'dak l-istadju hija ċemplet lil żewġha. Marret fil-kamra tas-sodda tat-tfal u sabet li kien hemm xi flus mill-karus tat-tfal li ġew neqsin. Dix-xhud ta' setgħetx tidentifika min kien dak li wettaq din is-serqa.

Aktar tard marru fuq il-post PS826 Matthew Parnis u PS122 Arthur Borg. Minn naħa ta' barra ta' din it-tieqa li tagħti għall-kamra tas-sodda dawn elevaw lifters. Din kieku kienet tkun parti mill-aktar prova importanti li setgħet torbot lill-imputat mas-serqa li kieku l-Prosekuzzjoni talbet li ssir il-komparazzjoni tal-impronti diġitali u palmari misjuba fuq in-naħa ta' barra tat-tieqa tal-kamra tas-sodda tal-parte civile ma dawk tal-imputat. Iżda għal xi raġuni l-Prosekuzzjoni iddikjarat li kienet għalqet il-provi mingħajr ma għamlet talba għall-analiżi komparattiva.

B'hekk ma kien hemm ebda xiehda diretta li torbot lill-imputat mal-allegata serqa mir-residenza tal-familja Bonanno u minbaħħa dak mistqarr aktar il-fuq l-anqas prova indiretta li setgħet torbtu ma' din is-serqa.

2. **<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-uniku xhud okulari li nġieb biex jixhed kien Philip Camilleri. Dan setgħa jinftiehem li d-deposizzjoni tiegħu setgħet tkun rilevanti għall-fini kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni. Biss id-deposizzjoni tiegħu, meta tiġi analizzata fid-dettall, ma tistax twassal għal sejbien ta' ħtija la fir-rigward tal-ewwel u l-anqas fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Dan għar-raġunijiet li ġejjin : -

A fol 17 jixhed li dakinhar tal-20 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tas-13:30 (u għalhekk madwar nofs siegħa **<u>wara</u>** li kienet allegatament seħħet is-serqa mir-residenza tal-familja Bonanno) kien qiegħed "jilgħab" fil-garage u miegħu kien hemm in-neputi tiegħu ta' ħames snin li qallu li mill-bieb ta' barra kien ħareġ raġel. Dan ix-xhud ma rax lil min kien ħiereġ mill-bieb ta' barra. Kien dan in-neputi ta' ħames snin li qallu li ra lil dan ir-raġel.

Ix-xhud pero jtenni li meta huwa ħareġ barra mill-garage tiegħu huwa ra lil dan ir-raġel li kien qiegħed jipprova jiftaħ il-bieb t'isfel tal-ġara tiegħu. Il-bieb li n-neputi ra lil dan ir-raġel ħiereġ minnu huwa l-bieb tal-komun tar-residenza tax-xhud Camilleri u li minnu tidħol fil-komun u tibqa' tiela tliet sulari u tiġi fil-wash room.

Camilleri jżid jgħid li meta ġiet bintu Nadia Caruana hija rat li min daħal fir-residenza tagħha kien daħal mit-tieqa tal-washroom li kienet fuq il-bejt. Dan qalu għaliex kien hemm ħafna swaba mat-tieqa.

Nadia Caruana ma nġiebitx biex tixhed.

Ma nġabitx prova li t-Taqsima Forensika tal-Pulizija aċċediet fir-residenza ta' Nadia Caruana u li elevat xi impronti. Wisq anqas għalhekk ma saret analiżi komparattiva fir-rigward.

Għalkemm dan ix-xhud identifika lill-imputat bħala l-persuna li kien qiegħed jipprova jiftaħ il-bieb tal-ġara, l-anqas din il-ġara ma ġiet identifikata min hi jew liema kien l-indirizz ta' din ir-residenza jew proprjeta tal-ġara li minnha seta' kien qed issir l-attentat ta' serq. U ġaladarba dan l-episodju seħħ għall-ħabta tas-13:30 dan ix-xhud ma setgħax ikun qiegħed jirreferi għall-allegata serqa li seħħet mir-residenza tal-familja Bonanno in kwantu l-episodju li kien jinvolvi lilhom seħħ qabel u mhux wara dak li kien jinvolvi li dan ix-xhud.

Dan ix-xhud jasal għall-konklużjoni li dan ir-raġel li huwa ra kien daħal minn blokka ta' maġenbu, naqra aktar l-isfel fejn hemm blokka ta' flats bit-taraġ minn barra u li tista' tibqa tiela sa fuq il-bejt u mbagħad minn hemm setgħa qasam faċilment għal fuq il-proprjeta tagħhom billi jaqbeż l-opramorta u mbagħad jitla' xi erba' jew ħames filati u jidħol mit-tieqa

tal-washroom tat-tifla. Biss għalkemm din l-ispjegazzjoni tista' tagħmel sens, ma hija sorretta minn ebda prova konkreta li tresqet f'dan il-proċess. Apparti minn hekk l-anqas ġie speċifikat din il-blokka ta' ma ġenbu lil min kienet tappartjeni. Setgħet kienet dik il-blokka li ssemmi x-xhud Nerida Bonanno fix-xiehda tagħha? Dan ix-xhud ma jagħtix dettalji dwar dan, anke jekk tali dettall kien ikun verament rilevanti għall-fini ta' din il-kawża. Biss dan il-fatt ma ġiex pruvat.

Inoltre għalkemm fil-Liġi Maltija l-eta żgħira tax-xhud mhix ostakolu għal xiehda ammissibbli il-Prosekuzzjoni ma ġabetx ix-xiehda tan-neputi tax-xhud Philip Camilleri biex jixhed dwar dan ir-raġel li huwa ra allegatament ħiereġ mill-bieb tal-komun tagħhom u b'hekk il-Qorti jkun jista' jkollha l-prova diretta mingħand min ra' dan ir-raġel ħiereġ mill-bieb tad-dar. Din il-Qorti ma għandhiex dubju mill-ġenwinita' tax-xiehda ta' Philip Camilleri. Iżda hija trid timxi wkoll b'rispett lejn il-Liġi proċedurali li tirregola l-evidenza u l-produzzjoni tagħha għax dawn huwa proċeduri ta' natura kriminali u mhux xi eżerċizzju ieħor.

Philip Camilleri jidentifika lil dak ir-raġel li kien qiegħed jipprova jiftaħ il-bieb tal-ġara bħala li huwa l-istess persuna tal-imputat. Dan huwa qalu meta kien mitkellem il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u muri madwar disa' ritratti ta' rġiel li skont ix-xhud ma kienux jaqbżu l-erbgħin sena. Philip Camilleri identifika lill-imputat fl-awla wkoll. Din l-identifikazzjoni ta' dan ir-raġel għalhekk, anke jekk setgħet kienet

waħda pożittiva da parti ta' Philip Camilleri ssib ma wiċċha żewġt almenu ostakli legali sabiex tkun tista' twassal lil din il-Qorti biex tikkunsidraha prova suffiċjenti li fuqha tkun tista ssaħħaħ sejbien ta' ħtija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Dan għaliex :-

1. Kwantu għal-dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, u ċjoe fir-rigward ta' dak ir-raġel li ħareġ mill-bieb tal-komun tar-residenza tax-xhud, l-identifikazzjoni tiegħu tistrieh fuq stqarrija ta' persuna li ma nġabitx tixhed bħala li dak ir-ragel kien l-istess raġel li ġie nnutat ħiereġ mill-bieb tal-komun tar-residenza tax-xhud Philip Camilleri, li personalment ma rahx ħiereġ mill-istess bieb;
2. anke jekk wara li ħareġ mill-garage tiegħu Philip Camilleri għaraf lill-imputat bħala dak ir-raġel li kien qiegħed jittenta jidħol fir-residenza jew proprjeta oħra tal-ġar tiegħu, il-Prosekuzzjoni naqset milli tiżvela l-identita u l-indirizz tiegħu. L-anqas ma xliet lill-imputat bit-tentattiv tas-serqa mir-residenza tal-istess ġar;

Illi l-kwalita tal-provi prodotti fir-rigward tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet ma jistgħux għalhekk iwasslu għall-grad ta' suffiċjenza tali li fuqhom din il-Qorti tista' ssib ħtija dwarhom.

3. **<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, li dwarha l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Ix-xiehda ta' Mario Salerno, id-derubat, hija prova sufficjenti li twassal sal-grad rikjest mill-Liġi in kwantu huwa identifika personalment u pożittivament lill-imputat ftit tal-ħin wara l-istess serqa waqt li l-imputat kien fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra kif ukoll għarfu pożittivament fl-awla meta ġie jixhed.

Mario Salerno, *social worker* bi professjoni, jixhed b'mod ċar li qabel ma seħħet is-serqa huwa setgħa jinnota lill-imputat fit-triq tiegħu u li dan deher li kellu bżonn l-"għajnuna". Dan raħ **<u>qabel</u>** ma seħħet is-serqa u nnota li kien jidher aġitat. Sakemm huwa ħalla l-purtella tal-bieb tal-garage *semi-chiusa* biċ-ċwievet imdendla, mexa tul ekwivalenti tal-Awla numru 12 biex isaqqi xi pjanti li kellu barra, sema' l-bieb ifaqqa' mal-karozza. Huwa dar lura u kien konvint li kien l-imputat li kkommetta s-serqa għax wara li semgħa l-ħoss huwa raħ jiġri qisu 'vleġġa' u huwa mar jipprova jiġri warajh. Meta mar jivverifika ħwejġu sab li kellu l-pouch li fih kellu dokumenti u madwar tliet mija u ħamsin euro fi flus neqsin. Salerno mar jipprova jsegwi lill-imputat bil-karozza tiegħu għax bil-ġiri ma kienx ser ilaħħaq miegħu. Mar jipprova jsegwih iżda ma rnexxielux jilħqu. Kien hemm li baqa' sejjer l-għassa tal-Pulizija.

Waqt li kien qiegħed jagħmel il-kwerela tiegħu u ta d-deskrizzjoni tal-malvivent lill-Pulizija, wara xi nofs siegħa - inzerta li daħal l-imputat fl-Għassa għaliex dan kien imur biex jiffirma hemmhekk. Hawnhekk dan ix-xhud reġgħa għaraf lill-imputat bħala dak il-ġuvni li kien serqu ftit tal-ħin qabel.

Tresqet prova kemm minn naħa tal-prosekuzjoni kif ukoll mid-Difiża li tipprova turi li fil-mument li l-imputat daħal l-għassa biex jiffirma huwa kien liebes ilbies differenti minn dak li allegatament kien liebes il-malvivent meta kkommetta s-serqa jew li b'xi mod jippruvaw itappnu l-identifikazzjoni pożittiva u korretta tal-imputat da parti ta' Mario Salerno. Biss anke hawn din il-Qorti tqis li din il-prova li tresqet mhix b'saħħitha biżżejjed li biex fuq bażi ta' probabbilta' xxejjen il-każ tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti għarblet ix-xiehda ta Mario Salerno mill-għarbiel tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u rat li kien xhud li xehed ċar fi kliemu, kien konsistenti fix-xiehda tiegħu, u l-identifikazzjoni tiegħu tal-imputat kienet waħda konvinċenti. Ma kellux dubju mhux biss dwar il-persuna tal-imputat, iżda wkoll tal-fatt li huwa kellu bżonn l-għajnuna, ħaġa li anke din il-Qorti setgħet tikkonstata minn dak li ħareġ quddiemha f'dan il-każ. Salerno kien jaf eżatt x'inhu jgħid.

Apparti minn hekk id-Difiża targumenta li dak il-ġuvni li ra Salerno ma setgħax kien l-imputat u dan peress li l-imputat kien liebes flokk ta' kulur abjad meta huwa mar jiffirma l-għassa mentri s-Surġent Francesca Quattromani tixhed li Salerno qallha li l-malvivent kien liebes flokk oranġjo meta wettaq is-serqa, iżda meta mar l-għassa ftit wara l-allegata serqa huwa kien liebes flokk abjad.

Mill-atti jirriżulta li r-residenza tal-imputat kienet tinsab fi Triq il-Kavetta San Pawl il-Baħar. Is-serqa saret minn Triq is-Sajf. L-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra tinsab fi Triq it-Turisti, l-Qawra. Bejn il-post fejn insteraq Mario Salerno u l-Għassa tal-Pulizija hemm madwar kilometru bogħod. Triq il-Kavetta, fejn għandu r-residenza l-imputat tinstab kważi f'nofs id-distanza bejniethom. Guvni tal-istatura tal-imputat li telaq jiġri minn fuq il-post fejn seħħet is-serqa jieħu biss ftit minuti sabiex jasal għal triq il-Kavetta. Salerno jixhed li huwa prova jfittex fejn mar l-imputat wara s-serqa bil-karozza tiegħu. Kien wara li mar ifittxu li baqa' sejjer l-għassa tal-Pulizija. Wara li wasal hemmhekk, u beda jagħti d-dettalji tal-każ lill-Pulizija, huwa jgħid li xi nofs siegħa wara, daħal l-imputat fl-għassa. Ħarsu lejn xulxin u għarfu lil xulxin.

Bejn il-ħin ta' meta seħħet is-serqa għall-meta l-imputat ġie identifikat minn Salerno fl-Għassa tal-Pulizija għalhekk kien laħaq għadda ħin biżżejjed biex l-imputat imur ibiddel ħwejġu. Wara kollox huwa *trick*

magħruf adoperat minn diversi ħallelin li fis wara li jkunu wetqu serqa ibiddlu ħwejjiġhom biex kemm jista' jkun ma jinqabdux.

Din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li kien l-imputat li wettaq is-serqa a detriment ta' Mario Salerno. Dak li din il-Qorti ma tistax issib ħtija dwaru hija l-kwalifika imputata ai termini tal-Artikolu 270(g) tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li mix-xiehda ta' Salerno jirriżulta li l-pouch misruq kien jinstab fuq il-bonnet tal-karozza li pero kienet tinsab fil-garage u mhux fi triq pubblika jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku eċċetra. Mill-banda l-oħra mix-xiehda ta' Salerno jirriżulta li l-ammont ta' flus misruq kien jammonta għal tliet mija u ħamsin euro, u b'hekk il-kwalifika tal-valur skont l-Artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali hija pruvata.

**<u>Ir-raba u l-ħames imputazzjonijiet</u>**

Dwar dan l-imputazzjonijiet ftit hemm x'jingħad għajr ħlief li l-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta l-kopji legali tas-sentenzi hemmhekk imsemmija. Il-Qorti ma tistax għalhekk issib ħtija fl-imputat fin-nuqqas ta' provi dokumentarji daqshekk importanti.

**<u>Is-sitt imputazzjoni</u>**

Il-Prosekuzzjoni iżda ppreżentat sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dottor Saviour Demicoli li permezz tagħha hija ppruvat soddisfaċentement l-addebitu tar-reċidiva imputata ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u dan wara li din il-Qorti rat il-konnotati tal-imputat, l-karta tal-identita' tiegħu, inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u l-parentela tiegħu dikjarata fuq l-istess ċertifikat u s-sentenza eżibita.

## *DECIDE*

Li għar-raġunijiet aktar il-fuq imsemmija, qegħda ssib lil **Clint Dalton mhux ħati** tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

Mill-banda l-oħra wara li rat l-Artikoli 17(h), 49, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Clint Dalton ħati tat-tielet u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Issa kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ, jirriżulta li s-segwenti : -

(a) l-imputat għażel li jikkontesta dan il-każ kif kellu jedd li jagħmel u ma jirriżultax li sar xi ħlas lil vitma tal-każ b'mod għalhekk li ma jistax jingħata tnaqqis fil-piena ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kodiċi Kriminali.

(b) Illi minn qari tal-fedina penali tiegħu jirriżulta li huwa xellef difrejh mal-Ġustizzja għal aktar minn darba u ingħata ċansijiet biżżejjed biex jipprova jirriforma ruħu u li milli jidher dawn ma ħallewx frott. Din il-Qorti f'dan l-istadju tqis li f'dan il-każ il-piena għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva. Dan ukoll peress li s-sentenza eżibita mill-Prosekuzzjoni turi li l-imputat ingħata sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha u li huwa kkommetta r-reat de quo fil-perjodu operattiv tagħha. Iżda l-Prosekuzzjoni għal raġunijiet li taf hi ma addebitatx dan lill-imputat fir-rigward tas-sentenza eżibita. Għalhekk din il-Qorti qegħda tħalli impreġudikata l-posizzjoni relattiva għall-istess ksur in kwantu ma tistax tieħu provvediment dwaru.

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tikkundanna lill-imputat għall-piena komplessiva ta' **tnax il-xahar priġunerija**.

Inoltre wara li rat l-Artikoli 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin euro (€350) rappreżentanti l-valur tar-res furtiva a dannu ta' Mario Salerno. Inoltre tikkundannah ukoll iħallas lir-Reġistratur l-ammont ta' mija u ħames euro tmienja u għoxrin ċenteżmu (€105.28) rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi fir-relazzjoni preżentata minn PS826 Matthew Parnis skont kif jidher mid-dokument a fol 120.

**Mogħtija illum l-4 ta' Jannar, 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

*Aaron M. Bugeja*

Sent/proċ reż somm/kont